# IN-NADUR FIL-LETTERATURA

## Nazzjonali Maltija

**Kronoloġija tal-istorja ta' Malta**

**c870** – L-Għarab jieħdu lil Malta.

**1091** – In-Normanni jiġu Malta u jirbħu lill-Għarab. Iħallu lill-Għarab ikomplu jmexxu huma.

**1127** – In-Normanni jerġgħu jiġu Malta u jieħdu l-amministrazzjoni tal-gżejjer f'idejhom.

**1266** – L-Anġevini jirbħu lil Malta u jibdew imexxu huma.

**1283** – L-Anġevini jitilfu lil Malta u Malta tgħaddi taħt l-Aragoniżi.

**1530** – Malta tgħaddi għand l-Ordni ta' San Ġwann.

**1798** – Il-Franċiżi jieħdu lil Malta mingħand l-Ordni ta' San Ġwann u jmexxu biss għal madwar 3 xhur. Għawdex isir indipendenti minn Malta.

**1800** – l-Ingliżi jmexxu lil Malta temporanjament.

**1814** – Malta ssir kolonja Ingliża.

**1964** – Malta ssir indipendenti.

**2004** – Malta ssir membru fl-Unjoni Ewropea.

L-ilsien Malti għandu għeruq millenarji li jmorru lura lejn iż-Żmien Medjevali meta l-gżejjer Maltin kienu maħkuma mill-Għarab u jiffurmaw parti minn Dar l-Islam bejn is-snin ċ.870 u 1091 W.K. Dan l-ilsien Għarbi maż-żmien beda jaqta' l-kuntatt minn mad-dinja Għarbija, speċjalment meta Malta reġgħet bdiet dieħla lura fid-dinja Latina man-Normanni u l-Isvevi li saltnu wara l-1091, l-Anġevini bejn l-1266 u l-1283 u l-Aragoniżi mill-1283 sal-1530. Progressivament, billi Malta u Għawdex iddependew ħafna minn Sqallija, kienu l-Latin u l-Isqalli li bdew deħlin bħala l-lingwi uffiċjali. Dan kompla fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann li ġie Malta fl-1530 wara li l-Imperatur Karlu V kien tahom dawn il-gżejjer flimkien ma' Tripli bħala fewdu. Il-lingwa uffiċjali u amministrattiva ta' Malta mbagħad saret it-Taljan. Il-Malti intant baqa' biss djalett Għarbi mitkellem mill-popolin, iżda mhux miktub. Din is-sitwazzjoni damet iġġebbed sas-seklu dsatax (għalkemm kien hemm xi tentattivi sporadiċi ta' kitbiet), meta Malta għaddiet għall-Imperu Brittaniku (1800).

Meta sabu din is-sitwazzjoni f'Malta l-Ingliżi bdew jaħsbu sabiex idaħħlu l-Ingliż. Iżda jekk dan kellu jseħħ, kien se jkun a skapitu tat-Taljan. Sat-tieni nofs tas-seklu dsatax it-tentattivi tal-Ingliżi ma tantx taw il-frott mixtieq, minkejja li kienu bdew jiffavorixxu u jagħtu promozzjonijiet lil dawk li kienu jkunu tgħallmu l-Ingliż. Iżda issa flok żewġ ilsna (il-Malti mitkellem u t-Taljan bħala l-lingwa uffiċjali), kien deffes ukoll denbu l-Ingliż, li iżda kien għadu ma sarx popolari daqs it-Taljan. Kellek sitwazzjoni fejn il-gżejjer Maltin kellhom ilsien Semitiku mitkellem minn ħafna min-nies, l-ilsien Taljan bħala l-lingwa uffiċjali u l-Ingliż bħala l-lingwa tal-amministraturi. Il-klassi politika Maltija kienet qed titlob kontinwament għal aktar sehem fit-tmexxija tal-gżejjer fuq l-argument li l-Ingliżi qatt ma ħakmu lill-Malta bil-forza bħalma kienu għamlu qawwiet oħra, iżda kienu mistednin mill-Maltin infushom.

Il-gvern Ingliż qatagħha li jibgħat Kummissjoni Rjali f'Malta fl-1878 sabiex tistudja r-realtà politika, ekonomika u soċjali tal-gżejjer u tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Fost affarijiet oħra, il-Kummissjoni, fil-persuna ta' Sir Patrick J. Keenan (1826-1894), rat li s-sitwazzjoni tal-lingwi f'Malta kienet inaċċettabbli. Ma setgħetx kolonja Ingliża tibqa' żżomm it-Taljan bħala l-ilsien uffiċjali għad-detriment tal-Ingliż. Għalhekk hu propona li fl-iskejjel elementari kellu jiġi mgħallem l-Ingliż flok it-Taljan. Min ried jitgħallem it-Taljan seta' jagħmel dan wara l-iskola. Naturalment dan sab oppożizzjoni qawwija minn sezzjoni tal-klassi politika u litterata Maltija. Oħrajn iżda qablu ma' dawn ir-riformi u dwar l-importanza tal-Ingliż. Minn hawn twieldu żewġ movimenti politiċi. Tal-ewwel issejħu l-Anti-Riformisti (li kien il-bidu tal-Partit Nazzjonalista) favur it-Taljan, waqt li tal-aħħar kienu r-Riformisti u kienu aktar favur l-Ingliż. Minn hawn nistgħu ngħidu li twieldet

il-kwistjoni tal-lingwa f'Malta, li aktar milli ġlieda għal-liema lingwa se tiddomina, kienet kwistjoni ta' konfront ta' ideat ta' identità Nazzjonali. In-nies ta' Malta x'kienu? Kienu estensjoni tal-Italja? Kienu parti mill-Ingliżi? Jew kellhom identità distinta? F'nofs dan kollu l-Malti kien għadu jiżżeffen fin-nofs. It-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel kien għadu qed jitwieled. Il-Malti ma setax iħabbatha ma' żewġ ilsna ġganti bħalma kienu t-Taljan u l-Ingliż.

Iżda l-Ingliżi, strateġisti primi, fehmu li jekk kellhom jaqilgħu t-Taljan 'il barra, dan ma ridux jagħmluh bil-forza, għax inkella jaqilgħu l-inkwiet. L-inkwiet f'bażi navali importanti fil-Mediterran bħalma kienet Malta kienet l-inqas ħaġa li xtaqu. Is-soluzzjoni? Agħti imbuttatura lill-Malti ħalli dan jaqla' t-Taljan il-barra ħelu ħelu filwaqt li tagħti xogħol u promozzjonijiet lil dawk li kienu jafu wkoll l-Ingliż ħalli l-Ingliż ikompli jintrefa' 'l fuq. Il-Malti beda dieħel bil-mod il-mod f'oqsma bħall-amministrazzjoni, il-Knisja, l-iskejjel u fil-qrati, minkejja li kien hemm oppożizzjoni mill-Partit Demokratiku Nazzjonalista mhux tant kontra l-Malti, imma kontra l-fatt li t-Taljan kien qed jiġi mxejjen. It-tixrid tal-Malti seħħ ukoll minħabba x-xogħol u d-dedikazzjoni ta' nies li ħabbewh u studjawh, bħal Ninu Cremona (1880-1972). Kien finalment fl-1934 li l-Ingliż u l-Malti saru l-lingwi uffiċjali ta' Malta. Bejn l-1939 u l-1943 fit-Tieni Gwerra Dinjija, it-Taljan ħa daqqa oħra, meta dawk li kienu meqjusa minn xi wħud bħala aħwa tal-Maltin li tawhom il-lingwa u l-kultura Taljana, issa ġew u xeħtulhom il-bombi. Mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l quddiem il-Malti u l-Ingliż baqgħu jieħdu l-importanza tagħhom waqt li t-Taljan baqa' jzappap u jiddgħajjef.[1]

## It-tradizzjoni letterarja f'dan il-kuntest

Il-Malti għandu tradizzjoni letterarja li hija wisq aktar riċenti minn dik ta' lingwi ġganti bħat-Taljan u l-Ingliż. Minkejja li jeżistu tentattivi letterarji bil-Malti li jmorru lura saħansitra sas-seklu ħmistax (il-Kantilena ta' Pietro Caxaro), kien is-seklu dsatax li xpruna 'l quddiem lil diversi individwi u gruppi sabiex jibdew jiktbu bil-Malti. L-istorja ta' Malta ġiet b'xi mod jew ieħor influwenzata mir-Risorġiment Taljan, meta kien hemm moviment qawwi sabiex il-ħafna stati Taljani jingħaqdu u jsiru pajjiż wieħed. Diversi Taljani kolti kienu spiċċaw ħażin minħabba f'hekk u kellhom isibu refuġju f'Malta. Wieħed minn dawn ir-refuġjati, Francesco Crispi, li spiċċa f'Malta b'ta' fuqu senduqu u bilkemm kellu għaxja ta' lejla, aktar tard sar wieħed mill-iktar Prim Ministri influwenti tal-Italja fl-aħħar tas-seklu dsatax. Naturalment, f'Malta bdew jixterdu diversi ideat nazzjonalistiċi, romantiċi u anke liberali. Insibu diversi tentattivi sabiex tinkiteb letteratura minn dawn l-eżiljati Taljani hawn Malta, bħalma kienet Ifigenia Zauli Sajani (1810-1883) li kitbet Gli Ultimi Giorni Dei Cavalieri di Malta, rumanz storiku li bħal oħrajn, kien fih messaġġi sottili. Iżda meta kellek Maltin li xtaqu jiktbu letteratura, dawn setgħu affaċċjaw id-dilemma dwar jekk kellhomx jiktbu bit-Taljan, il-lingwa miktuba u uffiċjali ta' Malta, jew inkella bil-Malti, li sa issa lanqas biss ma kien hemm regoli definiti ta' kif kellu jinkiteb.

Ewlieni f'dan iż-żmien kien Giovanni Antonio Vassallo (1817-1868), li kien professur tat-Taljan fl-Università. Minkejja l-kitbiet tiegħu bit-Taljan, huwa kien punt importanti fil-bidu tal-letteratura Maltija. Hekk huwa beda jikteb il-poeżiji bil-Malti, kiteb ukoll l-ewwel epika bil-Malti 'Il-Ġifen Tork' fl-1852, flimkien ma' diversi xogħlijiet oħra ta' natura storjografika u reliġjuża. Kontemporanju tiegħu kien Richard Taylor (1818-1868) li beda anke jittraduċi (jew jadatta) xogħlijiet bħal Robinson Crusoe ta' Daniel Defoe għall-Malti (1846). Sadanittant kellek drammaturgi bħal Luigi Rosato (1795-1872) li kitbu xogħlijiet bil-Malti li kienu jsiru f'teatri tat-triq, iżda mbagħad ukoll fit-Teatru Rjal li nfetaħ fl-1866.

Il-letteratura bil-Malti fiha żewġ fergħat prinċipali: il-proża narrattiva u l-poeżija. L-ewwel rumanz bil-Malti li nafu bih huwa Elvira Jew l-Imħabba ta' Tirann ta' Giuseppe Folliero de Luna (m. 1894) li ġie ppubblikat madwar l-1863. Minn hawn 'il quddiem tfaċċaw nies li kellhom jixprunaw il-letteratura bil-vernakular, fosthom Giuseppe Muscat Azzopardi (1853-1927) (li kiteb għadd ta' rumanzi fosthom Toni Bajjada, Mattew Callus, Viku Mason, Susanna, Ċejlu Tonna, Ċensu Barbara u Nazju Ellul, mill-1878 'il quddiem), Anton Muscat Fenech (1854-1910) u Dwardu Cachia (1857-1907). L-istil favorit tar-rumanz għalissa kien dak storiku. Rumanz li laħaq il-quċċata f'dik li hija kwalità huwa Ineż Farruġ ta' Anton Manuel Caruana (1839-1907) li ġie ppubblikat fl-1889. Dan huwa rumanz li jixhed ħafna l-karba ta' Malta li ġiet iddominata mill-barrani matul is-sekli u li finalment ġiet meħlusa, minkejja li l-ġerħiet tal-passat baqgħet iġġorrhom magħha. Huwa rumanz li f'dawk iż-żminijiet tal-kolonjaliżmu u l-qawmien tas-sens nazzjonalistiku kien jagħmel ħoss, l-istess kif fl-Italja s-sens romantiku u nazzjonalistiku wassal għal

qawmien kbir u l-unifikazzjoni tal-pajjiż.

Bdiet ukoll bil-mod il-mod tinkiteb il-poeżija bil-Malti, minn dik bikrija bħalma hi 'Fuq il-Mewt ta' Bonaparti' minn Vincenzo Caruana (m. 1824) madwar l-1821, sa dik reliġjuża ta' Andrea Schembri (1805-1872) u Ludovico Mifsud Tommasi (1796-1879). Giovanni Antonio Vassallo għandu korp imdaqqas ta' poeżija bil-Malti, kemm dik patrijottika bħal 'Int Sabiħa o Malta Tagħna' (li tqieset bħala l-innu Malti mhux uffiċjali), għal dik emozzjonali u anke reliġjuża. Imbagħad ukoll nies bħal Giuseppe Muscat Azzopardi ikkontribwixxew għall-kitba tal-poeżija bil-Malti. Forsi wieħed mill-akbar kontribuzzjonijiet li għamel Muscat Azzopardi għal-letteratura kien meta fl-1912 ħajjar lil Dun Karm Psaila (1871-1961), li sa dak iż-żmien kien jikteb bit-Taljan, ħalli jibda jħażżeż xi ħaġa bil-Malti. Minn hemm 'il quddiem il-letteratura Maltija bdiet miexja fis-sod u nfetħu għaliha orizzonti ġodda.

## In-Nadur fil-letteratura nazzjonali Maltija

Meta wieħed joqgħod jifli dan kollu, in-Nadur, bħal ħafna nħawi oħra fil-pajjiż, kien iżolat ferm mil-letteratura bil-Malti li bdiet tiżviluppa mis-seklu dsatax 'il quddiem. Meta nsemmu poeti u awturi kbar bħal Mikiel Anton Vassalli (1764-1829), Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, u oħrajn, f'moħħna jiġi Ħaż-Żebbuġ (Vassalli u Dun Karm), Ħal Qormi (Muscat Azzopardi) jew l-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir (Vassallo). Iżda wara studju aktar dettaljat, anke post bħan-Nadur isib xi post 'l hawn u 'l hemm fit-tradizzjoni letterarja nazzjonali bil-Malti. Biżżejjed insemmu lil Kelinu Vella Haber (1913-2014), poeta u awtur, kif ukoll ħadem ħafna favur l-ilsien Malti, li kien min-Nadur. Iżda hemm mumenti oħrajn fejn in-Nadur jieħu sehem fil-letteratura.

Wara din l-introduzzjoni li tajna, li tgħinna nifhmu aħjar il-kuntest, fl-artiklu li se jkompli fil-ħarġa Luminaria li jmiss, se nagħtu ħarsa aktar dettaljata sabiex niskopru dan.

Referenzi:
Frendo, Henry, Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience. 1979. Third Edition. Valletta, Midsea Books, 2013.

Frendo Henry and Oliver Friggieri, edituri., Malta: Culture and Identity. Malta, Ministry of Youths and the Arts, 1994.

Frendo, Henry, Żmien L-Ingliżi – Is-Seklu Dsatax. Vol. 3 of Storja ta' Malta. Malta, Klabb Kotba Maltin, 2004.

Frendo, Henry, 'Language and Nationhood in the Maltese Experience', in Europe and Empire: Culture, Politics and Identity in Malta and the Mediterranean. Edited by Henry Frendo. Malta, Midsea Books, 2012, 35-72.

Meilak, Daniel, 'Romantic Culture in Malta. A Historical Analysis', Unpublished dissertation, Faculty of Arts, University of Malta, 2015.
https://akkademjatalmalti.org/ilsien-malti/l-istorja-tieghu/

1 Minkejja li mal-introduzzjoni tat-televiżjoni stazzjonijiet Taljani kienu segwiti ħafna, bil-konsegwenza li t-Taljan baqa' mifrux sew. Iżda f'dan l-aħħar snin anke dan naqas ġmielu mal-introduzzjoni ta' stazzjonijiet bl-Ingliż.


Ġuże Muscat Azzopardi


Mikiel Anton Vassalli
meqjus bħala Missier l-ilsien Malti


Ġan Anton Vassallo


Mons. Dun Karm Psaila
il-Poeta Nazzjonali

Daniel Meilak